29 ta' Settembru, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Gaetano Cauchi *versus* Avv. Dr. Tommaso Fenech ne.

**Lokazzjoni — Titolu — Rilokazzjoni — Inkwilinat — Eredità Ġjaċenti — Kompetenza — Board tal-Kera.**

*It-tribunal kompetenti biex jiddeċidi jekk id-detentur ta' fond għandux titolu jew le huwa l-Qorti ordinarja. Jekk imbagħad il-Qorti ordinarja tiddeċidi illi dak it-titolu jeżisti, fis-sens illi d-detentur tal-fond qiegħed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, allura dik il-Qorti ma tibqax kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba tal-lokatur biex jimpedixxi r-rilokazzjoni tal-fond, imma huwa kompetenti l-Board tal-Kera.*

*Id-dritt ta' l-inkwilinat jgħaddi fl-eredità ta' l-inkwilin li jmut, avvolja dik l-eredità tkun ġjaċenti.*

Il-Qorti — Rat l-avviż quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut nomine biex jiżgombra l-fond nru. 50, Triq San Gaetano, Hamrun, u jagħtih iċ-ċwievet, f'dak iż-żmien li jiġi lilu mogħti, peress qiegħed jokkupah mingħajr titolu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-24 ta' Awissu 1948 fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-eredità ġjaċenti ta' Domenico Vella ma tistax tkun kunsidrata li ma għandhiex titolu biex tokkupa dan il-post, peress illi Domenico Vella kien il-kerrej u għalhekk kellu titolu validu, u dak it-titolu niżel fl-eredità tiegħu, għalkemm hija ġjaċenti; u jekk l-attur għandu xi dritt ma jirrinnovax il-lokazzjoni, għandu jmur quddiem il-Board tal-Kera;

Rat in-nota ta' l-appell u ċ-ċitazzjoni ta' l-attur, fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u t-talba tiegħu tiġi milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi għall-eżami tal-kwistjoni jekk il-konvenut nomine għandux titolu jew le, hija kompetenti l-Qorti ordinarja u mhux il-Board, u għalhekk fuq din il-kwistjoni l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ma hijiex bażata. Jekk imbagħad il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-eredità ġjaċenti ta' Domenico Vella għandha titolu, allura huwa kompetenti l-Board biex jiżgombra lill-konvenut nomine biex jimpedixxi r-rilokazzjoni; iżda jekk dik id-deċiżjoni tkun fis-sens illi l-konvenut nomine ma għandux titolu, allura l-kompetenza tibqa' tal-Qorti ordinarja;

Tikkunsidra;

Illi sostanzjalment l-Ewwel Qorti rriteniet illi l-eredità ġjaċenti għandha titolu, għaliex qalet li jekk kellu titolu Domenico Vella għandha titolu l-eredità ġjaċenti tiegħu, għalkemm ġjaċenti. Dana huwa eżatt, kif ġie anki ritenut minn din il-Qorti f'sentenzi oħra, anki f'appelli superjuri, u fost-hom in re "Emmanuele Micallef vs. Francesca Fenech et." fl-14 ta' Mejju 1948. Għalhekk, peress l-eredità ġjaċenti għandha titolu biex tippossjedi dan il-post, l-azzjoni hija mingħajr bażi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-Ewwel Qorti kienet kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni jekk il-konvenut nomine għandux titolu, u għalhekk tal-kawża, u tiddikjara li l-konvenut nomine għandu titolu validu fil-liġi għad-detenzjoni ta' dan il-post; u għalhekk tirrespinġi t-talba, salva l-kwistjoni l-oħra jekk l-attur għandux dritt ma jġeddidx il-lokazzjoni. L-ispejjeż ta' dina l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-attur appellant. U għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell.